MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 117/2014

**Hannah Harris ghan-nom ta' Hugh Glass**

**vs**

**Anthony u Carmen konjugi Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenuti tal-10 ta' Gunju 2014 li rega' sar bhalu fis-26 ta' Gunju 2014 fejn talbu li:

Illi l-esponenti ghandu problema sabiex jinnotifika lill-attur stante li Hugh Glass li huwa residenti gewwa l-Ingilterra u appunta persuna ohra li hija wkoll residenti gewwa l-Ingilterra meta l-ligi tghid car u tond li ghall-fini tan-notifika li persuna li ghandha tircievi trid tkun residenti gewwa Malta wkoll;

Illi di piu l-persuna li appunta bhala prokuratur tghix barra minn Malta u se mai kellu jappunta persuna li tghix Malta u mhux barra minn Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob li sakemm din il-haga ma tigiex irrangata din il-kawza ghandha tigi kkancellata jew ghandha tmur sine die.

Rat ir-risposta tal-attur nomine li oppona ghat-talba.

**Ikkunsidrat**

Il-kwistjoni hi wahda dwar il-locus standi tal-prokuratur tal-attur f'dawn il-proceduri. Hu pacifiku illi l-attur Hugh Glass hu ta' nazzjonalita Ingliza residenti l-Ingilterra. Ghal finijiet ta' dawn il-proceduri giet esebita prokura favur Hannah Harris (a fol. 5 tal-process) li fil-fatt kienet Malta biex inbdew il-proceduri odjerni u halfet ir-rikors promotur. Hannah Harris hi ta' nazzjonalita Ingliza u residenti l-Ingilterra.

Ir-rikorrenti qed jitlob li l-kawza tigi kancellata jew tmur sine die billi l-prokuratur irid ikun ighix Malta skond il-ligi u mhux ikun residenti fl-esteru.

Il-Qrati taghna kienu konsistenti dwar il-bzonn li parti jekk mhux prezenti f'Malta trid tkun rapprezentata minn persuna f'Malta u tidher ghaliha (ara **Lovers Transportainment BV vs George Smith pro et noe,** (PA 25/01/2011; u **Avukat Carmelo Castelli pro et noe vs Focal Maritime Services Limited**, App Civ 03/02/2012). Kif intqal fis-sentenza **Commonwealth Educational Society Limited vs Adriana Camilleri** (App Inf 02/06/2003):

> Izda kif jista' jigi argumentat minn xi normi procedurali stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Proceduri Civili, "esistono varie disposizioni delle quali si deve dedurre che nello spirito di quelle leggi chiunque e` parte in una causa deve

essere presente in queste isole per tutto il corso del giudizio, e qualora se ne assente deve farvisi rappresentare da un procuratore: tali sono ad esempio le disposizioni per cui viene ordinata la notificazione di taluni atti alla parte stessa, o si indicano le persone che possono presentare scritture o trattano della comparizione o non comparizione delle parti alla trattazzione della causa (articoli 171, 201, 207 inciso primo, 208, 214, 221, 225 e 234 delle dette leggi – illum Art 152, 174, 180, 182, 187, 195, 199 u 209 tal-Kap 12)" – "**Emilia Miller Blacker –vs- Maria Costantina Howard Mills Mattei**", Appell Civili, 16 ta' Dicembru 1921.

Huwa desumibbli minn dan dedott illi min jipprezenta att gudizzjarju jrid ikun prezenti fil-gurisdizzjoni Maltija fil-mument tal-prezentazzjoni ta' l-att u jekk ma jkunx, allura l-att ghandu jigi prezentat permezz ta' mandatarju jew prokuratur. Jekk dan ma jsirx dak l-att jigi ritenut null. Il-Qrati taghna kienu jakkordaw biss certa liberalita` ta' gudizzju fejn wara l-prezentata valida ta' l-att promotur, dak li jkun jassentixxi ruhu temporanjament fil-kors tal-proceduri u fl-intervall jigu ntavolati atti ohra f'ismu. F'kazijiet analogi, kif bosta drabi ritenut, il-mandat ta' l-avukat jew prokuratur legali ma jispiccax u lanqas jigi sospiz bis-safar tal-mandanti. U allura dawn, in forza tal-Art. 180, jistghu jipprezentaw skritturi ghall-mandanti taghhom. A propozitu jghoddu d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Neg. Antonio G. Agius –vs- Samuel Lebet Hazan**", Appell Civili, 28 ta' Novembru 1883, "**Tabib Dr. Joseph Ellul –vs- Jos. G. Coleiro**", Appell Civili, 24 ta' Jannar 1964, "**Avukat Dr. Francis Portanier –vs- Dr. Frank Chetcuti et noe**", Appell Civili, 13 ta' Novembru 1967 u "Adrian Richard Margot –vs- Alfred Galea et", Appell Civili, 31 ta' Lulju 1979.

Fil-fatt il-Qorti tqis li d-decizjoni fuq il-mandat implicitu tal-avukat kif argumentata mill-istess Qorti fil-kawza **Carmelo Farrugia vs Grezzju Farrugia et** (App Inf 16/03/2005) ghandha tigi miftehma f'dan is-sens limitat biss.

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti mhix ir-rapprezentanza tal-prokuratur fil-mument li nfethet il-kawza peress illi l-prokuratur kien f'Malta meta saret il-kawza izda n-nuqqas tal-mandant u mandatarju li juri li huma persuni li ghandhom prezenza abitwali u regolari f'Malta. Hu indiskuss illi l-mandant u l-mandatarju f'dan il-kaz huma residenti abitwalment fl-Ingilterra u ghalhekk ma hemmx il-prezenza taghhom f'Malta waqt il-kawza. Dan imur kontra dak li jistabilixxu d-decizjonijiet imsemmija aktar il-fuq.

Il-Qorti hi konsapevoli ta’ decizjonijiet ricenti ta’ din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Gian Domenico Sarti vs Palazzo Events Limited** (PA 06.03/2014) u **Mediterranea Distribuzione Srl vs Dr. Richard Galea Debono noe** (PA 16/07/2012). Dawn id-decizjonijiet imorru kontra d-decizjonijiet imsemmija aktar il-fuq. Ir-ragunijiet fil-qosor huma l-kuncett ta’ moviment hieles ghal cittadini tal-Unjoni Ewropea u aktar minn hekk il-facilita li tinnotifika atti gudizjarji fl-Unjoni Ewropea bir-regolament 1393/2007 u proceduri ta’ rikonoxximent u esekuzzjoni ta’ sentenzi fi stati membri tal-Unjoni Ewropea bir-regolament 44/2001.

Din il-Qorti ma taqbilx li dawn ir-regolamenti b’xi mod irristringew jew naqsu s-sahha tal-ligi procedurali Maltija fil-varji artikoli taghha kif imsemmija fil-kawza **Commonwealth Educational Society Limited vs Adriana Camilleri**. Hu minnu illi r-regolamenti Ewropej iffacilitaw u uniformizzaw proceduri ta’ notifika u esekuzzjoni ta’ sentenzi pero bl-ebda mod ma abrogaw jew issubordinaw l-effetti tal-ligijiet procedurali tal-varji Stati Membri. Ghalhekk dak li kien applikabbli fil-bidu tas-seklu ghoxrin ghadu applikabbli bl-istess mod illum billi fil-varji artikoli tal-ligi tal-procedura hu indikattiv il-bzonn tal-prezenza regolari tal-atturi jew ir-rapprezentant tieghu f’Malta biex il-proceduri jkunu kompleti u jigi evitati kwistjonijiet ta’ integrita ta’ gudizzju. Basta li din il-Qorti issemmi biss l-artikolu 199 tal-Kap. 12 fejn fin-nuqqas tal-prezenza tal-attur u d-difensur tieghu ghal kawza, il-Qorti tista’ tikkancella l-istess kawza. Dan l-artikolu ma jistax jitqies inapplikabbli semplicement ghax ir-regolament 1393/2007 jiffacilita proceduri ta’ notifika.

B’daqshekk ma jfissirx, kif qed jitlob ir-rikorrent illi n-nuqqas ta’ rapprezentanza idonea fil-prosegwiment tal-kawza jwassal ghall-annullament jew kancellament tal-proceduri. Dan mhux impost u anqas jirrizulta mill-ligi. Pero b’daqshekk il-Qorti ma tistax tippermetti li proceduri jitkomplew fl-istat li qeghdin.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-prokuratur nominat mill-attur biex jirraprezentah f’dawn il-proceduri mhix persuna idonea skond il-ligi ta’ procedura Maltija u tistieden lill-attur jirregola ruhu. Spejjez ghall-attur f’din il-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------